# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2019.**

**Numru 3**

**Ċitazzjoni numru 351/04 SM**

**Alfred Axisa u b'digriet datat il-5 ta' Settembru 2013, il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' Emanuela Axisa; u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2018 l-Avukat Martha Mifsud u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Emanuela Axisa; u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2018 Demis Axisa bħala eredi universali ta' Emanuela Axisa assuma l-atti minflok l-imsemmija kuraturi**

**v.**

**Roger Attard; u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2007 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta` Citadel Insurance p.l.c.**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tas-soċjeta` kjamata fil-kawża Citadel Insurance p.l.c. mis-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2013 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti

sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tillikwida d-danni konsistenti f'*damnum emergens* f'ammont li jirrifletti l-kontributorjeta` tal-attur f'dawk id-danni limitatament għat-telf tal-introjtu konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża; jew tibgħat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkun hi li tillikwida tali danni. Bl-ispejjeż kontra l-appellata (Emanuela Axisa).

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "1.0 Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata is-17 ta' Mejju, 2004, li permezz taghha l-attur sintetikament ippremetta s-segwenti:
>
> "1.1 Illi waqt li l-attur kien qed isuq it-taxi numru JTY – 108, ghall-habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu (2:00a.m.) tal-5 ta' Mejju, 2003, fi Triq George Borg Olivier, San Giljan, kien involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura bin-numru ABK – 031 misjuqa mill-konvenut Attard;
>
> "1.2 Illi konsegwenza tal-istess incident l-attur sofra "*damnum emergens*" konsistenti fi hsara kbira fil-vettura tieghu, tobba u medicini, oltre telf ta' introjtu minn xogholu;
>
> "1.3 Illi l-attur sofra wkoll "*lucrum cessans*" minhabba l-griehi li sofra u ghadu jsofri minn debilita` permanenti;
>
> "1.4 Illi ghall-incident *de quo* jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;
>
> "1.5 Illi ghalhekk aderixxa din il-qorti biex ikollu l-opportunita` jwiegeb ghas-segwenti talbiet u jghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:
>
> "1.5.1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni ikkagunati lill-attur;

“1.5.2. Tillikwida d-danni kollha tal-attur, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

“1.5.3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

“1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenut;

“2. Rat in-nota t’astensjoni datata l-25 t’Ottubru, 2004, (ara fol 32);

“3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta’ Marzu, 2006, li permezz tieghu innominat lill-espert mediku hemm indikat biex jezamina lill-attur u jirrelata fir-rigward, (ara fol 55);

“4.Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-10 t’ Ottubru, 2007, li permezz tieghu, wara rikors appozitu datat il-25 ta’ Settembru, 2007, (ara fol 93), ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta` *Citadel Insurance p.l.c*., (ara fol 96);

“5.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza riferita fil-paragrafu precedenti datata d-29 t’Ottubru, 2007, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segenti:

“5.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

“5.2. Illi dan qed jigi ribadit ghaliex il-konvenut mhux unikament responsabbli ghall-incident *in dizamina*;

“5.3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-attur irid jipprova d-danni realment minnu subiti;

“5.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

“6. Rat ir-relazzjoni medika redatta mill-espert mediku nominat u minnu mahluf in atti fil-15 t’Ottubru, 2008, (ara fol 140);

“7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-17 ta’ Frar, 2009, li permezz tieghu wara nota appozita datata s-17 t’Ottubru, 2008, il-qorti hatret periti medici addizzjonali, (ara fol 267);

“8. Rat ir-relazzjoni medika sussegwenti tal-esperti indikati fil-paragrafu precedenti datata t-8 t’April, 2009, (ara fol 272);

“9. Rat ir-rikors datat l-24 ta’ Settembru, 2009, li permezz tieghu il-qorti kienet infurmata li l-attur kien miet fil-15 ta’ Gunju, 2009, u li kien qed jintalab it-trasfuzjoni tal-gudizzju, (ara fol 277);

“10. Rat il-verbal datat l-24 ta’ Marzu, 2011, li permezz tieghu il-qorti kienet infurmata li kien hemm il-possibilita` ta’ transazzjoni bejn il-partijiet, (ara fol 299);

“11. Rat il-verbal tas-6 ta’ Gunju, 2012, fejn ghar-raguni hemm indikata l-kawza giet kancellata, (ara fol 303);

“12. Rat ir-rikors datat is-6 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu intalab li l-kawza terga’ tigi mqieghda fuq il-lista tal-kawzi, (ara fol 305);

“13. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu il-kawza giet riappuntata, (ara fol 306);

“14. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta’ Novembru, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jitrattaw il-kaz finalment skont il-modalita` hemm indikata, (ara fol 322);

“15. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Settembru, 2013, li permezz tieghu laqghet it-talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta’ Emanuela Axisa kif mitlub, (ara fol 277);

“16. Rat in-nota ta’ referenzi, (ara fol 333);

“17.Ezaminat ix-xhieda mismugha quddiem il-qorti diversament preseduta flimkien mar-relazzjonijiet medici prodotti u mad-dokumenti esebiti;

“18. Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` kjamata in kawza, (ara fol 325) u tal-attur, (ara fol 329);

“19. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-attur;

“Ikkonsidrat:

“20.0. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina jista’ jigi sintetikament espost bil-mod segwenti:

> “20.1. Illi dan l-incident sehh fil-5 ta’ Mejju, 2003, ghall-habta tas-saghtejn ta’ fil-ghodu, (2:00am), fi Triq George Borg Olivier, San Giljan, kantuniera mac-*Chains Restaurant*;
>
> “20.2. Illi fl-incident kienu nvoluti l-attur illum mejjet, u l-konvenut li kienu qed isuqu l-vetturi rispettivi taghhom fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);
>
> “20.3. Illi skont ix-xhieda prodotta irrizulta li l-konvenut skidja u wara li dahal fil-karreggjata opposta, habat mal-attur Axisa, (ara fol 56, skizz a fol 58, 66 u 119);

"20.4. Illi mal-impatt il-vettura tal-attur iddawret u l-istess attur storda, (ara fol 119);

"Ikkonsidrat:

"21.0. Illi skont l-ewwel relazzjoni medika prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"21.1. Illi wara l-incident l-attur ittiehed l-isptar madwar erba' (4) sieghat wara l-incident, (ara fol 141);

"21.2. Illi mill-*X-ray* irrizulta li Axisa kiser il-galletta ta' irkoptu l-leminija u kellu kontuzjoni f'dahru;

"21.3. Illi Axisa gie rilaxxat mill-Isptar u baqa' jattendi l-"*Out Patients Department*" kull xahar, (ara fol 141);

"21.4. Illi wara madwar hmistax (15) ghamlulu l-gibz f'saqajh, (ara fol 141), li dam bih bejn xahrejn (2) sa tlieta (3), xhur (ara fol 141);

"21.5. Illi Axisa baqa' jara konsulent privatament, (ara fol 141);

"21.6. Illi kagun tal-incident *de quo* Axisa baqa' jilmenta minn ugiegh f'irkuptejh, (ara fol 142);

"21.7. Illi wara li l-espert mediku ezamina lil Axisa irrizulta s-segwenti:

"21.7.1. Illi l-movimenti ta' rkuptejh kienu tajbin – minghajr nefha, ilma, ugiegh jew tqarmic fihom, (ara fol 142);

"21.7.2. Illi l-*McMurray Test* li hu ezami specifiku ghal *meniscus* tal-irkoppa, kien wiehed negattiv;

"21.7.3. Illi l-pxiexen tieghu ma kienux minfuhin;

"21.7.4. Illi l-gogi tal-eghkiesi kellhom movementi shih u kienu normali ghal kollox, (ara fol 142);

"21.7.5. Illi ezami ta' dahar Axisa irrizulta li kien normali u wera movement tajjeb, (ara fol 143);

"21.7.6. Illi irrizulta li kien qed isofri minn ugiegh fin-naha ta' wara ta' sidru, (ara fol 143);

"21.7.7. Illi ghalkemm zappap meta gie ezaminat il-mixi tieghu, l-istess Axisa ma zappapx meta mexa meta kien aljenat, (ara fol 143);

"21.7.8. Illi l-ezami tal-espert mediku sar hames (5) snin wara l-incident, (ara fol 143);

"21.7.9. Illi l-istess espert mediku ma sab l-ebda dizabilita` f'Axisa, (ara fol 144);

"22.0. Illi r-relazzjoni tal-perizja perizjuri hi differenti, senjatament:

"22.1. Illi Axisa deher b'sahhtu u ma zappapx;

"22.2. Illi ma kienx komdu jinzel gharkubtejh fuq il-lemin, (ara fol 274);

"22.3. Illi kien konkluz li Axisa kien fieq sewwa mill-griehi tal-incident in dizamina, (ara fol 275);

"22.4. Illi ma rrizultax li kien ibati mill-artrite, (ara fol 276);

"22.5. Illi nonostante s-suespost, iddecidew li jiddikjaraw li Axisa kellu dizabilita` ta' tnejn fil-mija, (2%);

"Ikkunsidrat:

"23. Illi ghandha tirrileva li d-dikjarazzjoni ta' dizabilita` hawn riskontrata tippekka fil-logika stante li waqt l-ezamijiet medici kienu kollha sodisfacenti tant li gie dikjarat mill-istess esperti medici nominati in eskussjoni li Axisa kien fieq mill-konsegwenzi tal-kollizjoni, izda nonostante cio` fl-istess hin allokaw *quantum* ta' dizabilita` meta din ma tirrizultax gustifikata;

"24. Illi stante n-nuqqas ta' logika riskontrata din il-qorti qed tiskarta din il-konkluzjoni, u tiddikjara li qed tistrieh fuq l-analizi medika ta' l-ewwel espert fuq elenkat, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin, (21), aktar qabel);

"Ikkonsidrat:

"25.0. Illi fuq il-mertu din il-qorti ghandha tirrileva s-segwenti:

"25.1. Illi qabel xejn tissottolinea li l-konvenut Attard hu fi stat ta' kontumacja;

"25.2. Illi skont xhud okulari li kien qed isuq wara t-taxi ta' Axisa prodott in atti jirrizulta li d-dinamika tal-incident saret bil-mod segwenti:

"25.2.1. Illi l-incident *de quo* sehh ghall-habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu (2.00a.m.) fi Triq George Borg Olivier, San Giljan;

"25.2.2. Illi meta dan ix-xhud okulari wasal hdejn ic-*Chains* l-ewwel sema' *break* u wara ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta;

"25.2.3. Ili din l-istess vettura indikata fil-paragrafu precedenti baqghet diehla *head on* fuq it-taxi;

"Ikkunsidrat:

"26. Illi assodata d-dinamika tal-incident in dizamina ghandu jkun pacifiku li r-responsabbilita` tal-istess hi kompletament fuq il-konvenut Attard u dan, stante l-velocita` eccessiva li kien qed isuq biha;

"Ikkunsidrat:

"27. Illi pero` ghandu jinghad li jirrizulta li l-istess Axisa ma kienx liebes ic-cinturin tas-sigurta` meta sehh l-incident in dizamina, (ara fol 272);

"28. Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku li l-istess Axisa ikkontribwixxa b'dan il-mod fid-danni minnu sofferti, specjalment ghal dak li jirrigwarda d-dannu riskontrat f'sidru wara li habat mal-hadid tal-*isteering*, (ara fol 122), nonostante l-ezenzjoni immatura, imprudenti u nieqsa mill-gherf li sewwieqa tat-taxi ghandhom milli jilbsu dan ic-cinturin waqt is-sewqan;

"29. Illi ghalhekk ghandu zgur ikun pacifiku li l-inkolumita` personali m'ghandha qatt tigi sovrastata mill-kumdita` irrizorja;

"Ikkunsidrat:

"30.0. Illi rigward id-danni sofferti mill-attur Axisa ghandu jinghad is-segwenti:

"30.1. Illi din il-qorti taqbel pjenament mal-paragrafu numru hmistax (15) tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, (ara fol 331), li *a tenur* tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili jelenka s-segwenti kapi ta' danni risarcibbli f'kazijiet bhal dak in dizamina;

"30.1.1. It-telf effettiv direttament soffert mis-sinistrat, (*damnum emergens*);

"30.1.2. L-ispejjez li s-sinistrat ikun kostrett jaghmel minhabba l-hsara minnu sofferta, (*damnum emergens*);

“30.1.3. It-telf ta’ paga jew qliegh iehor attwali soffert mis-sinistrat, (*damnum emergens*);

“30.1.4. It-telf ta’ qliegh futur, (*lucrum cessans*);

“30.2. Illi pero` l-istess artiklu tal-Kodici Civili indikat fil-paragrafu precedenti ikompli jistipula fit-tieni komma tieghu:

“30.2.1. Illi s-somma moghtija ghall-inkapacita` riskontrata tigi stabbilita mill-qorti;

“30.2.2. Illi dan il-qorti tistabbilixxi tali somma wara li tqis is-segwenti:

“30.2.2.i. Ic-cirkostanzi tal-kaz;

“30.2.2.ii. Ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita` ikkagunata;

“30.2.2..iii. Il-kondizzjoni tas-sinistrat;

“30.3. Illi dan l-ahhar rekwizit jirrizulta pjuttost injorat mill-gurisprudenza lokali u tali sitwazzjoni tghajjat ghal rimedju gust;

“Ikkonsidrat:

“31. Illi rizultat ta’ analizi tad-dokumentazzjoni prodotta fir-rigward din il-qorti taqbel mal-komputazzjoni attrici tad-danni sofferti mill-attur bhala *damnum emergens* li l-ammont ta’ danni hekk riskontrat jammonta ghal sitt elef, seba’ mija u tnejn u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€6,732.24), kif hemm spjegat, (ara fol 331);

“32.0. Illi rigward il-*lucrum cessans* involut din il-qorti ezaminat ukoll id-dokumentazzjoni fir-rigward u taqbel ukoll mas-sottomissjoni attrici fir-rigward kif riprodotta fil-paragrafu numru tmintax (18) tal-istess, (ara fol 331), fejn gie ritenut li ghandhom jittiehdu s-segwenti in konsiderazzjoni:

“32.1. Il-paga;

“32.2. Iz-zidiet fil-paga moghtija minn zmien ghal zmien;

“32.3. L-oghli tal-hajja;

“32.4. Il-varjazzjoni fl-inflazzjoni matul iz-zmien ikkoncernat;

“32.5. Illi bhala medja, l-qrati Maltin japplikaw medja ta’ ghoxrin fil-mija (20%) fuq id-dhul tas-sinistrat fid-data tal-incident, (**ara Baldacchino nomine vs L-Avukat Dottor Mifsud Bonnici et nomine, Qorti ta’ l-Appell, (Civili Superjuri), datata l-25 t’April, 2008**);

"Ikkonsidrat:

"33. Illi meta sehh l-incident l-attur kellu wiehed u sittin sena (61) u miet ta' madwar sitta u sittin (66) sena, (ara fol 1 u fol 277);

"34. Illi jirrizulta assodat li l-attur kien *self-employed* u ma kellu l-ebda intenzjoni jirtira mix-xoghol, (ara fol 331);

"35. Illi nonostante s-suespost l-attur miet wara hames (5) snin mill-incident *de quo*, mhux kif ritenut fil-paragrafu tnejn u ghoxrin (22) tas-sottomissjonijiet skritti tal-attur, (ara fol 332);

"36. Illi kieku ghal grazzja tal-argument din il-qorti kellha tilqa' s-sottomissjoni tal-attur fir-rigward kienet takkorda telf ta' qliegh ghall-perjodu meta l-attur kien ikun diga mejjet u allura, tkun qed tagixxi kontra kull logika u gustizzja;

"Ikkunsidrat:

"37. Illi rigward id-*dizabilita`* eventwalment riskontrata, fid-dawl tas-suespost qed tirrespingi l-konkluzjonijiet in eskussjoni u qed taghmel taghha l-konkluzjoni tal-espert mediku originarjament nominat, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin (21), aktar qabel);

"Ikkunsidrat:

"38.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti qed tillikwida d-danni sofferti mill-attur Axisa bil-mod segwenti:

"38.1. *Damnum Emergens*:

> "38.1.1. Illi kif assodat mill-ircevuti u mill-assjem tal-provi prodottii dan jammonta ghal sitt elef, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€6,732.24);

"38.2. *Lucrum Cessans*:

> "38.2.1. Illi a bazi tal-paga ippercepita ta' sitt elef u mitt Ewro, (€6,100.00), annwi, tiffissa dan fl-ammont komplessiv globali ta' tletin elf u hames mitt Ewro, (€30,500.00);

"Ikkonsidrat:

"39.0. Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu fid-dawl tar-rizultanzi fuq elenkati u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

“**DECIDE:**

“39.1. Tiddikjara li l-konvenut Roger Attard kien unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq elenkat u ghad-danni minnu ikkagunati lill-attur Alfred Axisa;

“39.2. Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mill-attur fl-ammont ta’ sebgha u tletin elf, mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€37,232.24), kif fuq espost, (ara paragrafu numru seba’ u tletin, (37), aktar qabel);

“39.3. Tikkundanna lill-konvenut Roger Attard biex ihallas lil Emanuel Attard aventi kawza in sostituzzjoni ta’ Alfred Axisa l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

“39.4. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenut Roger Attard.”

**Rikors tal-appell tas-soċjeta` kjamata fil-kawża Citadel Insurance p.l.c. l-konvenut Bertrand Gatt (24.12.2013):**

3. Is-soċjeta` Citadel Insurance ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha huma s-segwenti tlieta:

(i) **L-ewwel Qorti kienet tasal għal konklużjoni diversa kieku addottat il-premessi tagħha stess in kwantu jirrigwarda d-diżabilita` permanenti li kien qed jallega l-attur**:

Taċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti addottat il-konklużjoni tal-ewwel perit mediku (li qal li l-attur ma rriskontra l-ebda diżabilita` permanenti), u targumenta illi allura ma kellhiex takkorda danni in linea ta’ “*lucrum*

*cessans*".

(ii) **<u>L-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti, konsistenti f'kalkolu erronju tad-danni subiti mill-appellata</u>**:

Taċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti llikwidat il-"*lucrum cessans*" fl-ammont ta' €30,500, liema somma l-ewwel Qorti waslet għaliha billi mmultiplikat il-paga annwali ta' €6,100 b' ħames snin (cioe` il-ħames snin li ddekorrew mill-inċident sakemm miet). Issostni li din il-konklużjoni hija żbaljata. Targumenta:

- li t-telf ta' introjtu soffert mill-attur huwa <u>diġa` inkluż</u> fis-somma ta' €6,732.24 in linea ta' "*damnum emergens*"; u

- li fi kwalunkwe każ, l-attur <u>dam ma jaħdimx għal 169 jum</u>, u mhux għaż-żmien kollu ta' ħames snin mill-jum tal-inċident sal-jum tal-mewt tiegħu, u allura, se mai, l-ewwel Qorti kellha timmultiplika s-somma ta' €16.71 (il-paga ta' kuljum: €6100÷365) b'169 jum, li jwassal għas-somma ta' €2823.99.

(iii) **<u>L-ewwel Qorti kienet tasal għal konklużjoni diversa kieku addottat il-premessi tagħha stess in kwantu jirrigwarda r-responsabbilta` rispettiva taż-żewġ xufiera involuta fl-inċident</u>**

**<u>mertu tal-kawża</u>:**

Finalment taċċenna għall-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-attur ma kienx liebes ċinturin tas-sigurta` meta seħħ l-inċident, u għall-kumment relattiv tagħha li "*għalhekk għandu jkun paċifiku li l-istess Axisa ikkontribwixxa b'dan il-mod fid-danni minnu sofferti*", u tilmenta li l-ewwel Qorti kellha allura <u>tapporzjona d-danni</u>.

**<u>Risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Martha Mifsud u l-PL Davina Sullivan (08.11.2018):</u>**

4. Il-kuraturi deputati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li l-appell tas-soċjeta` konvenuta għandu jiġi miċħud.

**<u>Sfond:</u>**

5. Din il-kawża tirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fis-sagħtejn ta' filgħodu (02:00) tal-5 ta' Mejju 2003 fi Triq George Borg Olivier, San Ġiljan, fejn il-monument tal-"LOVE", bejn il-vettura taxi **JTY-108** misjuqa mill-attur Alfred Axisa[1] (li miet fil-mori tal-kawża[2]) u l-vettura

[1] ID: 244342M
[2] Skont ir-rikors għat-trasfużjoni tal-ġudizzju, l-attur miet fil-15.06.2009

**ABK-031** misjuqa mill-konvenut Roger Attard[3].

6. Jirriżulta mill-provi li l-attur Alfred Axisa kien sejjer fid-direzzjoni lejn tas-Sliema biex jieħu lil żewġ passiġġieri (ċertu Francis u Julie Porter) il-lukanda tagħhom f'tas-Sliema. Huwa ma kienx liebes *seat belt*. Fl-i*statement* mogħti minnu lill-pulizija ġie rraportat hekk: ***"…all of a sudden the other car came from the opposite direction and collided head on**…"*

7. Il-konvenut Roger Attard da parti tiegħu kien sejjer fid-direzzjoni lejn San Ġiljan u kellu miegħu lil ċertu Oxana Anatolievna Roussanova. L-i*statement* mogħti minnu lill-pulizija ġie rraportat hekk: "…***for an unknown reason his car skid to the other side of the road and ended up dashing head on into the other oncoming vehicle***". Irriżulta mill-breathalyzer li kellu 131UG/100ml[4], u l-pulizija rrimarka illi huwa stess "***admitted to being drunk".***

8. L-attur, li fiż-żmien tal-inċident kellu <u>61 sena</u>, korra bħala riżultat tal-impatt. Fil-fatt skont id-dokument[5] rilaxxat mill-"*Casualty Department*" tal-isptar San Luqa, (datat 05/05/2003, ħin 05:50) ġie indikat li sofra ġrieħi fil-patella ta' rkobbtu u fi spallejh. In-natura tal-ġrieħi ġiet iċċertifikata bħala "*slight save complications*".

---

[3] ID: 281473M
[4] Fol 65, Dok PSJG2
[5] Fol 64, Dok PSJG3

**<u>Rapport[6] tat-tabib Alec Sultana</u> (April 2004):**

*(fejn ikkonkluda li l-attur sofra diżabilita` permanenti ta’ **<u>10%</u>**)*

9. L-attur kien taħt il-kura tat-tabib Alec Sultana (MD, FRCSI) li fir-rapport mediku tiegħu datat 24 ta’ April 2004 (cioe` sena wara l-inċident) iċċertifika li:

> “*On impact he sustained a head injury against the windscreen of his car and a crush injury against the dashboard. The latter injury led to an undisplaced fracture of the right patella and a severe contusion of his left knee and lumbar spine. No other fractures were found.*
>
> “*The patellar fracture was treated non-operatively with a plaster cast for 6 weeks. His left knee was swollen and painful after the accident. Despite treatment with analgesics, rest and local steroid infiltrations in the knee, the left knee continues to remain painful until this very day. The right knee and lumbar spine seem to have done well with treatment.*
>
> “*At present he is not able to kneel because of the left knee pain. He is not able to walk or drive for more than 30 minutes at a time before he is forced to rest his legs. He is only able to climb eight stairs at a time with some difficulty and the knee still swells up occasionally. Because of these symptoms he has not been able to continue driving his taxi as this requires driving for long periods of time. This finally led him to selling his taxi in October 2003.*
> …
> “*In view of the persistent pain and functional limitation of his left knee which has led him to retire from his occupation as a self-employed taxi driver, I conclude that Mr Axisa has sustained a total permanent functional deficit of **<u>10%</u>**.”*

10. Fix-xiehda tiegħu tal-10 ta’ Ottubru 2007 huwa kkonferma r-rata ta’ diżabilita` (10%) stabbilita minnu. Qal li l-attur baqa’ jmur għandu u li l-aħħar li rah kien xi xhur qabel. Qal li baqa bl-uġigħ fl-irkobba u li “*għandu limp minħabba fiha*”. Żied jgħid li “*jsib diffikolta` biex isuq, fil-fatt skont huwa, kellu taxi u kellu jbiegħha għax ma setax jibqa’ jsuq*”.

[6] Dok H, fol 17-18

**<u>Rapport[7] tat-perit mediku Frederick Zammit Maempel</u> (Ġunju 2008):**
*(fejn ikkonkluda li l-attur ma sofra l-**<u>ebda</u>** diżabilita` permanenti)*

11. L-ewwel Qorti innominat lil Frederick Zammit Maempel (MD FRCS) bħala espert mediku, biex jeżamina lill-attur. Huwa fil-fatt eżaminah fit-12 ta' Ġunju 2008 fl-isptar Mater Dei, cioe` ħames (5) snin wara l-inċident. Qal li l-attur qallu li "*ma kienx tajjeb għas-sewqan sal-aħħar ta' Ottubru 2003*".

12. Wara li eżaminah, irriżultalu s-segwenti:

> *"Jiena eżaminajt lis-Sur Axisa ħames snin wara l-inċident. Huwa sofra ksur tal-galletta tal-irkobba leminija li llum magħqud għal kollox. Il-ksur involva tarf tal-galletta li m'huwiex parti mill-wiċċ artikolari (articular surface) ta' din l-għadma u għalhekk jiena ma ħassejt ebda tqarmiċ f'dan il-ġog tal-irkobba leminija mal-moviment. L-eżami kliniku tal-irkubbtejn wera funzjoni normali ta' dawn il-ġogi u ma sibt ebda nuqqas fil-ligamenti jew fil-"cartilage" tagħhom, u dan huwa konsistenti man-nuqqas ta' muskolu mixrub fil-kuxtejn. Jiena ma sibt ebda raġuni anatomika jew patoloġika għala mexa b'riġlu stirat u cioe` bl-irkobba tal-lemin dritta.[8] Axisa lmenta wkoll minn uġiegħ fuq iż-żewġ naħat ta' dahru li jitla' għal spallejh. L-eżami wera xi ftit uġigħ fuq parti żgħira ta' dahru meta missejt, pero` l-X-rays ma wrewx li kien ġarrab xi kustilji miksurin. Dan l-uġigħ f'dahru huwa fil-fehma tiegħi ta' natura muskolari u mistenni jċedi għal kollox eventwalment.*
>
> *"B'konklużjoni, jiena ma nsib ebda xhieda oġġettiva ta' nuqqas jew diżabilita` permanenti bħala riżultat tal-inċident tal-5 ta' Mejju 2003."*

**<u>Rapport[9] tal-periti perizjuri (April 2008)</u>:**
*(fejn ikkonkludew li l-attur sofra diżabilita` permanenti ta' **<u>2%</u>**)*

13. It-tobba <u>R Gatt (MD FRCS)</u>, <u>C Grixti (MD FRCS)</u> u <u>C Sciberras</u>

---

[7] Ippreżentat 23.06.2008, fol 141-144
[8] Fil-fatt aktar 'il fuq fir-rapport spjega li "*Meta staqsejtu jimxi, huwa mexa jżomm l-irkobba tal-lemin dritta, u cioe` jzappap. Innotajt pero` li ma zappapx meta mexa aljenat aktar tard, cioe` meta l-eżami spiċċa.*"
[9] Ippreżentat fil-04.05.2009, fol 272-276

(MD FRCS) ġew innominati mill-ewwel qorti bħala periti perizjuri sabiex jeżaminaw lill-attur. Huma fil-fatt eżaminawh fis-26 ta' Marzu 2009, cioe` sitt (6) snin wara l-inċident. Spjegaw li l-attur kien qalilhom li meta beda jerġa' jsuq ħames xhur wara l-inċident (Ottubru 2003) kienet tinġibidlu siequ l-leminija u ma kienx ikun jista' jkompli, u għalhekk qabel l-aħħar tal-2003 "*qatagħha li jitlaq ix-xogħol ta' taxi driver għal kollox*."

14. Wara li eżaminawh, irrelataw hekk fuq il-kundizzjoni tiegħu:

> *"Raġel jidher f'saħħtu. Jimxi tajjeb mingħajr ma jzappap. Ma kienx komdu jinżel għarkobbtejh fuq il-lemin.*
>
> *"…*
>
> *"Jidhrilna li s-Sur Axisa fieq sewwa mill-ġrieħi li ġarrab f dan l-inċident. Iżda billi kellu ksur fil-galletta, fejn din tħokk mal-għadma tal-koxxa (femur) jista' jkollu xi ftit aktar periklu li jiżviluppa l-artrite f'din l-irkobba. Klinikament, s' issa għall-anqas, ma jidhirx li hemm artrite. Id-daqqa li għandu tispjega s-sintomi li jilmenta minnhom.*
>
> *"Diżabilita` - 2% (tnejn fil-mija)"*

## Il-verżjoni tal-attur:

15. Fix-xiehda tiegħu tas-6 ta' Frar 2008 quddiem il-Qorti[10] l-attur Alfred Axisa xehed li bħala xufier tat-taxi kien jagħmel profitt ta' Lm10 kuljum fix-xitwa, u profitt ta' bejn Lm30 u Lm35 kuljum fis-sajf. Qal li kien jaħdem kuljum bis-Sibt u l-Ħadd b'kollox.

16. Spjega li wara li seħħ l-inċident huwa mar l-isptar u dewwewh u

[10] Xiehda tal-attur tas-06.02.2008, fol 117 et seq

imbagħad kien imur għall-visti għand l-ispeċjalista Alec Sultana. Qal li wara l-inċident ma setax isuq, iżda meta imbagħad beda' jsuq esperjenza l-problemi, tanti li kellu jneħħi t-taxi:

> *"U għadni sa llum, kif nagħmel għoxrin minuta insuq jien, fuq hekk neħħejtha t-taxi, kif nagħmel għoxrin minuta, saqajja tinġibidli, mal-mara jew miegħi naqbad u nieqaf.*
> *…*
> *jien għadni sa llum, inkun mal-mara jew waħdi, m'għoxrin minuta tinġibidli saqajja, jien fuq hekk neħħejtha t-taxi, jien dik kont qed inqatta' l-ħin man-nies u fl-istess ħin naqla lira għall-familja."*

17. Fl-affidavit tiegħu[11] (maħluf fis-7 ta' Jannar 2009) xehed illi wara l-inċident ma setax isuq għal 169 jum:

> *"…..bħala konsegwenza tal-inċident jien korrejt u ma stajtx naħdem mid-data tal-inċident almenu sal-21 ta' Ottubru 2003. Hemm konferma ta' dan fiċ-ċertifikati mediċi rilaxxjati minn Mr Alec Sultana MD FRCS esebiti u mmarkati minn Dok C sa Dok G. Ma ħdimtx għal mija disgħa u sittin (169) jum….*

**Is-sentenza tal-ewwel Qorti:**

18. L-ewwel Qorti kkonkludiet li r-reponsabbilta` għall-inċident in kwistjoni hija kompletament fuq il-konvenut Roger Attard stante l-veloċita` eċċessiva li kien qed isuq biha.

19. Madanakollu dehrilha li l-attur ikkontribwixxa għad-danni konsegwenzjali għall-inċident minħabba li ma kienx liebes *seat belt*. Irrimarkat li nonostante li l-liġi teżenta lix-xufiera tat-taxi milli jilbsu s-*seat belt*, tali eżenzjoni hija "*immatura, imprudenti u nieqsa mill-għerf*" u li "*l-*

[11] Affidavit tal-attur, fol 147

*inkolumita` personali m'għandha qatt tiġi sovrastata mill-kumdita` irriżorja.*"

20. Għal dak li jirrigwarda "***damnum emergens***" għamlet riferenza għan-nota tas-sottomissjonijiet attriċi (paġna 331, paragrafu 16) u llikwidat tali danni fl-ammont ta' **<u>€6,732.24</u>**, eżatt kif pretiż fl-istess nota, liema nota telenka d-danni kollha li tagħhom qed jintalab il-ħlas in linea ta' "*damnum emergens*" kif muri hawn taħt:

| | |
|---|---|
| (1) Ħsarat fuq il-vettura skont is-survey ta' Natalino Agius (Lm1000) | €2329.37 |
| (2) Spejjeż ta' tobba u mediċini | € 465.87 |
| (3) Telf ta' qliegħ ikkalkulat fuq is-somma ta' Lm10 (€23.30) "*għal 169 ġranet ta' inkapaċita` mix-xogħol*" (€23.30 x 169) | €3937.00 |
| **TOTAL** | **€6732.24** |

21. Għal dak li jirrigwarda "***lucrum cessans***" reġgħet għamlet riferenza għan-nota tas-sottomissjonijiet attriċi (paġna 331, paragrafi 18 u 19) u kkonkludiet li s-somma bażi li għandha tittieħed bħala "*multiplier*" kienet ta' <u>€6,100</u>[12]. Wara li qieset li l-attur miet ħames snin wara l-inċident[13], u li għalkemm meta seħħ l-inċident ma kellu l-ebda intenzjoni li jirtira mix-xogħol, illikwidat il-"*lucrum cessans*" fl-ammont ta' **<u>€30,500</u>** (€6,100 x 5).

[12] Dan għaliex il-medja tal-qligħ tal-attur għas-snin 2002 u 2003 kif jirriżulta mill-income tax returns kienet ta' **<u>€5,051.44</u>**, u ma dan ġiet applikata żieda ta' **<u>20%</u>** biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żieda fil-pagi.
[13] Fil-fatt miet sitt (6) snin wara, peress li l-inċident seħħ fil-05.05.2003 u huwa miet fil-15.06.2009)

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

22. Qabel xejn din il-Qorti tagħmel riferenza għar-risposta tal-appell tal-kuraturi deputati li kienu jirrappreżentaw lil Emanuela Axisa, u senjatament fejn aċċennaw għall-fatt li "*għal dak li għandu x' jaqsam mat-talba għar-responsabbilta` tal-inċident, likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas, l-intimat kontra min ġiet intavolata l-kawża ma appellax*."

23. Dan ftit li xejn ghandu importanza għaliex is-soċjeta` kjamata fil-kawża kienet ingħatat avviż tal-proċeduri odjerni permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata mill-attur kontriha[14] u għalhekk ai termini tal-**Artikolu 10(1) tal-Kap 104** għandha tħallas lill-attur (jew aventi causa tiegħu) kull somma flus li l-konvenut (li kien qed isuq vettura koperta minn polza ta' assikurazzjoni magħha) jiġi kkundannat iħallas lill-istess attur (jew aventi causa tiegħu), u għalhekk għandha kull interess tappella.

24. F'sentenza riċenti mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "*Edward sive Teddie Borg et vs Albert Schembri et"* (14.12.2018) din il-Qorti insenjat hekk:

> *"….s-soċjeta` assiguratriċi li ai termini tal-Kap 104 hija obbligata tħallas is-somma flus lit-"terza persuna" li favurha tkun ingħatat is-sentenza, għandha interess (ġuridiku) tappella kontra l-imsemmija sentenza. L-interess tagħha huwa wieħed dirett, leġittimu u attwali għaliex wara*

[14] Kif jirriżulta mir-rikors tagħha tas-27 ta' Lulju 2004 (fol 26-27)

> *kollox hija dik il-persuna li ser ikollha tħallas lill-attur kwalsiasi somma li tiġi likwidata f'każ li jirriżulta li għall-inċident awtomobilistiku huwa responsabbli l-konvenut li huwa assigurat magħha. Irrispettivament minn jekk tali soċjeta` assiguratriċi kinitx ukoll interveniet fil-kawża, hija għandha dritt tappella mis-sentenza bħala terz interessat. In oltre, tali dritt ta' appell jeżisti indipendentement minn jekk appella jew ma appellax il-konvenut."*

**(i) <u>L-ewwel aggravju:</u>**

*Il-likwidazzjoni ta' danni in linea ta' "lucrum cessans" hija konfliġġenti mal-pożizzjoni tal-ewwel Qorti li l-attur ma sofra l-ebda danni.*

25. L-ewwel Qorti għażlet li taddotta l-konklużjoni tal-ewwel perit mediku, cioe` li l-attur ma sofra l-ebda diżabilita` bħala riżultat tal-inċident, imbagħad ordnat lill-konvenut iħallas lil Emanuela Axisa (l-aventi causa tal-attur) is-somma ta' €30,500 rappreżentanti il-"*lucrum cessans*."

26. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi jekk għamlitx tajjeb l-ewwel Qorti meta skartat il-konklużjoni tal-periti perizjuri (fejn sabu diżabilita` ta' 2%) u addottat il-konklużjoni tal-ewwel perit (li ma sab l-ebda diżabilita). Il-kompitu tagħha hu li tirrevedi jekk kinitx korretta meta ordnat lill-konvenut iħallas lil Emanuela Axisa (l-aventi causa tal-attur) id-danni in linea ta' "*lucrum cessans*".

27. Din il-Qorti hija tassew perplessa bil-fatt li l-ewwel Qorti, minkejja li dehrilha li l-attur ma sofra l-ebda diżabilita` għaddiet biex tillikwida il-

"*lucrum cessans*". Jekk ma kien hemm l-ebda diżabilita`, mela allura isegwi li ma kien hemm l-ebda "*lucrum cessans*" x'jiġi likwidat. L-ewwel Qorti addirittura ħadmet il-"*lucrum cessans*" fuq rata ta' diżabilita` ta' 100% - għaliex wara li mmultiplikat il-paga bażi (€6,100) b'ħamsa (5), ma għamlet l-ebda tnaqqis!

28. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li huwa fondat l-ewwel aggravju tas-soċjeta` appellanti kjamata fil-kawża. Il-likwidazzjoni ta' danni in linea ta' "*lucrum cessans*" hija kompletament konfliġġenti mal-pożizzjoni tal-ewwel Qorti li l-attur ma sofra l-ebda diżabilita`.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

*Id-"damnum emergens" diġa` jinkludi l-introjtu li tilef l-attur meta għamel 169 jum ma' jaħdimx, u allura ma kellux jiġi likwidat "lucrum cessans", wisq anqas "lucrum cessans" fuq ħames snin, ladarba għamel biss 169 jum ma jaħdimx.*

29. In vista tal-fatt li din il-Qorti qed jirriżultalha li l-ewwel aggravju huwa fondat, (cioe` li ma hemm l-ebda ammont in linea ta' "*lucrum cessans*" li l-konvenut għandu jħallas lill-aventi causa tal-attur) ma tarax li hu l-każ li tikkunsidra dan it-tieni aggravju.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

*Ladarba l-ewwel Qorti irriteniet li l-attur ikkontribwixxa għad-danni, fil-parti deċiżorja tas-sentenza kellha tapporzjona d-danni bejn il-konvenut u l-aventi causa tal-attur u mhux tordna lill-konvenut iħallashom kollha hu*

30. L-ewwel Qorti iddikjarat li l-attur ikkontribwixxa għad-danni iżda fil-parti deċiżorja tas-sentenza ma apporzjonat l-ebda parti mid-danni likwidati minnha lill-appellat. Għalhekk hawnhekk ukoll jiġi li l-ewwel Qorti tat deċiżjoni konfliġġenti: ladarba ddikjarat li l-attur ikkontribwixxa għad-danni, kellha allura tordna li d-danni ma jithallsux unikament mill-konvenut.

31. Hawnhekk ukoll *strettament* mhux kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi l-pożizzjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm kontributorjeta`. Il-kompitu tagħha huwa biss li tapporzjona d-danni bejn l-attur u l-konvenut. **Madanakollu** biex tasal biex tiddeċiedi fuq l-kwantum tad-danni likwidati li għandu jbati l-attur minħabba l-"kontributorjeta`" tiegħu, trid neċessarjament tagħmel apprezzament tal-gravita` tan-"nuqqas" tiegħu li wassal għal tali kontributorjeta`, <u>u biex tagħmel dan trid neċessarjament tevalwa l-pożizzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kontributorjeta` tal-attur.</u>

32. In-nuqqas jirrigwarda l-fatt li ma kienx liebes is-*seat belt*. Din il-Qorti tosserva li l-attur effettivament ma għamel xejn kontra l-liġi, għaliex huwa kien eżenti milli jilbes is-*seat belt* waqt il-ġarr tal-passiġġieri b'kirja (kif jirriżulta li kien qed jagħmel hu). L-attur fil-fatt, fil-11 ta' Settembru 2013, xahrejn qabel ma' l-ewwel Qorti tat is-sentenza, ippreżenta nota b'referenza għall-**Avviż Legali 252 tal-2003**, senjatament l-Artikolu 14(i) li kien applikabbli fiż-żmien li seħħ l-inċident, li jeżenta lis-sewwieqa tat-taxi milli jilbsu s-*seat belt* waqt li dawn ikunu qegħdin iġorru il-passiġġieri b'kirja[15].

33. L-ewwel Qorti fehmet li din l-eżenzjoni hija intiża għall-"*kumdita` irriżorja*" tas-sewwieq tat-taxi u għaddiet biex tiskartaha bħala "*immatura, imprudenti u nieqsa mill-għerf"* u addirittura ikkonkludiet li bil-fatt li l-attur segwa tali liġi, "*immatura, imprudenti u nieqsa mill-għerf"* ġie li huwa kkontribwixxa għad-dannu riskontrat f'sidru meta ħabat mal-ħadid tal-*isteering.*

34. Issa apparti l-fatt li ċittadin m'għandux jiġi penalizzat meta jkun in konformita` mal-liġi (tkun kemm tkun assurda l-liġi), din il-qorti ma tistax ma tenfasizzax li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li tali eżenzjoni qegħda hemm għal raġunijiet ta' "*kumdita`*". Tali eżenzjoni

[15] Għamel ukoll riferenza għal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 65.12**, senjatament l-Artikolu 10(j) li kienet applikabbli fiż-żmien li ppreżenta n-nota (u li għadha applikabbli sa llum)

invece qegħda hemm għas-sigurta` tax-xufiera tat-taxi stess, u dan għaliex ix-xufiera jgħabbu persuni skonoxxuti, u s-*seat belt* iqegħdhom f'pożizzjoni vulnerabbli għaliex il-passiġġiera li jkunu bil-qegħda fuq wara jistgħu faċilment jissikkaw is-*seat belt* ma għonq is-sewwieq għal kwalsiasi skop li jista' jkollhom. Tant hu hekk li l-eżenzjoni tapplika biss meta s-sewwieq tat-taxi jkun qed iġorr il-passiġġieri b'kirja (cioe` nies skonoxxuti); u mhux meta jkun waħdu jew b'passiġġieri li ma jkunux fil-karozza miegħu b'kirja (bħal fil-każ ta' ħbieb/ membri tal-familja).

35. Ikkonsidrat dan kollu, din il-Qorti fic-cirkostanzi qegħda tillikwida l-"kontributorjeta`" tal-attur għad-danni fl-ammont (simboliku) ta' €1 u b'hekk jiġi li l-konvenut għandu jħallas **€6731.24** flok €6732.24.

**Decide**

36. Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tas-soċjeta` konvenuta u tvarja s-sentenza appellata kif ġej:

- **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur (konsistenti f'*damnum emergens* biss) fl-ammont ta' €6,731.24 (sitt elef, seba' mija wieħed u tletin Ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu);**
- **Tordna lill-konvenut iħallas lil Demis Axisa (l-aventi causa tal-attur) is-somma ta' €6,731.24 (sitt elef, seba' mija wieħed u tletin Ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu).**

37. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kwantu ghal tlett

kwarti mill-istess Demis Axisa (stante li l-kuraturi deputati li kienu jirrappreżentaw lil ommu Emanuela Axisa, fir-risposta tal-appell tagħhom sostnew li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi konfermata) u kwart mill-appellanti. Dawk tal-ewwel istanza kif deciz mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr